MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 1167/2011

**John Attard**

**vs**

**Grace Gatt u Lourdes Castillo (karta ta' l-identita` bin-numru 345684 u 656482 (M) rispettivament)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-24 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti ngagga s-servizzi tal-intimati fil-kapacita` taghhom ta' nvestigaturi privati;
2. Illi r-rikorrenti jallega li l-intimati pero` ngannawh peress li jirrizultalu li r-rapprezentazzjonijiet taghhom kienu foloz u nveritieri;

3. Illi rizultat tal-istess, ir-rikorrenti hallashom is-somma ta’ hdax –il elf, tlett mija u erbghin Lira Maltin, (LM11,340.00), ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin elf, erba’ mija u hmistax –il Ewro, (€26,415.00);

4. Illi in oltre r-rikorrenti wkoll jallega li l-intimati hadulu b’ingann, bi frodi u b’malafede, s-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf u hames mitt Lira Maltin, (LM27,500.00), ekwivalenti ghal erbgha u sittin elf u hamsa u sebghin Ewro u sebgha u sebghin centezmu, (€64,075.77);

5. Illi di piu`, l-intimati hadu wkoll minghand ir-rikorrenti s-somma addizzjonal ta’ sittin elf Lira Maltin, (LM60,000.00), ekwivalenti ghal mija, disgha u tletin elf seba’ mija u tnejn u sittin Ewro u erbghin centezmu, (€139,762.40);

6. Illi l-ammont totali hekk karpit hu allura ta’ mitejn u tletin elf, mitejn u hamsa u tletin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu, (€230,235.27);

Illi konsegwenza tal-istess l-intimat qed jaderixxi din il-qorti biex:

1. Tordna u tikkundanna lill-intimati in solidum jew min minnhom biex jirrifondu lir-rikorrenti l-ammont ta’ mitejn u tletin elf, mitejn u hamsa u tletin Ewro, u sebgha u ghoxrin centezmu, (€230,235.27), jew somma ohra verjuri karpit b’ingann, frodi jew pretenzjonijiet foloz;

2. Tikkundanna lill-intimati in solidum jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ disghin elf, erba’ mija u tnejn u sebghin Ewro u sitta u tmenin centezmu, (€90,472.86), ammont minnhom karpit mir-rikorrenti b’ingann, *messa in scena* u frodi;

3. Tikkundanna lill-intimata Lourdes Castillo thallas lir-rikorrenti s-somma ta’ mija u disgha u tletin elf, seba’ mija u tnejn u sittin Ewro u erbghin centezmu,

(€139,762.40), minnha karpit mir-rikorrenti taht pretensjonijiet foloz, fabbrikati u b'ingann;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati datata d-19 ta' Dicembru, 2011, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi t-talbiet huma preskritti skont l-artikolu 1222 tal-Kap 16;

2. Illi ma kien hemm l-ebda *messa in scena* jew qerq iehor kif allegat;

3. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-fatti dikjarati mir-rikorrenti huma inveritieri jew komodament mahluqa;

Illi in oltre jigi riskontrat li fid-dikjarazzjoni tal-fatti l-intimati sintetikament isostnu s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti kien interessat jifforma relazzjoni ma' mara;

2. Illi biex jipprova jressaqha lejh qabbad lil Carmen Zammit biex tghinu;

3. Illi meta l-iskop principali ma rnexxiex beda jfittex lil Zammit ghal flusu;

4. Illi r-rikorrenti lahaq ftehim ma' l-intimata Gatt biex din tigborlu flusu, bil-kundizzjoni li jaghtiha persentagg;

5. Illi effettivament flusu ngabru;

6. Illi r-rikorrenti baqa' jkun irid aktar informazzjoni fuq il-mara li kellu ghajnejh fuqha u ghalhekk l-intimata Castillo kellha tidhol fi spejjez ulterjuri biex taghmel dan;

7. Illi wara li kkonsulta persuna li ssostni li taqra l-futur, ir-rikorrenti kien infurmat li l-intimati kienu qed iqarrqu bih;

Rat id-digriet taghha datat id-19 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu ordnat il-kapovolgiment tal-provi biex tigi l-ewwel indirizzata l-ewwel eccezzjoni preliminari;

Semghet ix-xhud prodott;

Rat il-verbal taghha datat l-24 t'April, 2012, li permezz tieghu, wara li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi rigwardanti l-eccezzjoni preliminari de quo, awtorizzat lill-istess rapprezentanti legali jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet taghhom fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi l-intimati sostanzjalment isostnu s-segwenti:

1. Illi l-fatti in dizamina sehhew fl-2004;

2. Illi r-rikorrenti kien baghat ittra ufficcjali lill-intimati fit-2 t'Awwissu, 2007;

3. Illi r-rikors promotur odjern gie pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2011;

4. Illi peress li l-premessi fattwali tar-rikorrenti huma pprezentati b'mod xejn car, jekk mhux konfuzjonarju u b'mod li jizgwida, l-intimati qed jikkoncentraw fuq l-ammont li forsi jista' jigi karpit mir-rikors kif indikat fl-istess nota ta' sottomissjonijiet taghhom, (ara fol 19), fejn ir-rikorrenti qed jattakka l-ftehim li seta' gie milhuq bejn il-partijiet u jitlob ir-rexissjoni tieghu;

5. Illi l-artikolu 2154 tal-Kap 16, ma japplikax ghall-fatti de quo stante li d-danni allegati jridu necessarjament l-ewwel jigu dikjarati ezistenti mill-qorti, li wara, tghaddi ghall-likwidazzjoni tal-istess;

6. Illi ghalhekk l-artikolu applikabbli hu l-artikolu 1222 tal-Kap 16 li jistabbilixxi l-preskrizzjoni biennali f'azzjoni ghar-rexissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, fost l-ohrajn, u dan, sakemm ma tkunx stabbilita preskrizzjoni iqsar;

7. Illi jirrizulta li r-rikorrenti pprezenta l-ittra ufficcjali tieghu fit-2 t'Awwissu, 2007, meta l-atti in dizamina sehhew fl-2004;

8. Illi di piu`, r-rikors promotur gie pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2011;
9. Illi tenut kont tal-perjodi hawn indikati, l-preskrizzjoni biennali giet abbundantement assodata;

Rat ir-risposta tar-rikorrenti li sintetikament isostni s-segwenti:

1. Illi l-oneru tal-prova tal-preskrizzjoni tinkombi fuq min iqajjimha;

2. Illi r-rikorrenti kkonferma bil-gurament tieghu li l-ittra ufficcjali in dizamina kien intavolaha fl-2007;

3. Illi l-artikolu 1222 tal-Kap 16 ma japplikax ghas-sitwazzjoni in dizamina, stante li:

i. Ma jirrizulta l-ebda ftehim;

ii. Ma hemm l-ebda talba ghar-rexissjoni ta'kuntratt;

iii. L-intimati estarcew b'ingann u frodi flejjes mir-rikorrenti;

iv. Effettivament hemm ukoll procedura penali pendenti kontra l-intimati;

4. Illi allura, stante li l-kawza odjerna hi ta' indole penali, l-artikolu 1222 tal-Kap 16 ma japplikax;

5. Illi l-intimati ma gabu l-ebda prova dwar l-ezistenza ta' xi kuntratt;

6. Illi allura t-terminu preskrittiv gie nterrott meta l-kawza odjerna giet intavolata fl-2011;

Ikkunsidrat:

Illi din il-procedura ma tirrizultax li ttiehdet wisq bis-serjeta` dovuta stante li r-rikorrenti, kemm fil-parti postulattiva tieghu, kif ukoll fit-talbiet konsegwenzjali ghall-istess mhux biss mhux car fl-iter logiku tieghu, izda jirrizulta pjuttost konfuzjonarju;

Illi nonostante cio`, ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi din hi talba ghal rifuzjoni ta' flejjes imhallsin ghal servizzi rezi;

2. Illi pero`, r-rikorrenti jsostni li hu hallas il-flus ghaliex raggirat, u l-intimati jsostnu li qdew lir-rikorrenti b'mod sodisfacenti;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li hawn si tratta ta' **kuntratt** veru u proprju, li ghalkemm ma jirrizultax li kien miktub, xorta kien vinkolanti tant li l-intimati agixxew u ppersegwew lill-mara li l-istess rikorrenti tefa' ghajnejh fuqha;

Ikkunsidrat:

Illi jigi sottolineat li din id-decizjoni hi limitata ghall-kwistjoni preliminari sollevata mill-intimati;

Illi tenut kont tas-suespost ghandu jkun pacifiku li l-kawza kif postulata mir-rikorrenti, ghalkemm konfuzjonarja u tippekka fl-iter logiku, xorta tindirizza s-segwenti:

1. Illi l-ammont ta' flejjes imhallsa mir-rikorrenti ghandhom jigu rifuzi lilu mill-intimati;

2. Illi dan ghandu jsir ghaliex raggirat, defrawdat u ngannat mill-agir tal-intimati;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta li l-*fulcrum legalis* in dizamina hu effettivament talba – ghalkemm konfuzjonarja – promessa permezz ta’ azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b’reat fit-termini tal-artikolu 2154 tal-Kap 16;

Illi hawnhekk ikun riduttiv li l-kelma “hsarat” tittiehed li tfisser biss danni materjali bhal ksur ta’ karozza, bieb jew mejda;

Illi tali tifsira ghandha tinkorpora wkoll danni finanzjarji bhal dawk allegatament riskontrati mir-rikorrenti fl-agir tal-intimati fil-konfront tieghu – tenut kont tal-fatt li dan l-istess agir ghad irid jigi ezaminat dettaljatament skont il-ligi;

Illi ghar-ragunijiet esposti tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-intimati bl-ispejjez kontra taghhom u konsegwentement, tordna l-prosegwiment tal-procedura fuq il-meritu;

Tiddikjara li tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni wara li tisma’ lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------